Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 36/1998/2

**Raymond Tabone**

**v.**

**Lawrence Tabone f'ismu u bhala mandatarju ta' l-imsefrin hutu Joseph Tabone u Josephine Baker; Margaret Buttigieg, Angela Buttigieg, Rose Von Brockdorff; u r-Registratur ta' l-Artijiet ghal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti:**

**<u>IC-CITAZZJONI ATTRICI</u>**

1. B'citazzjoni pprezentata fid-9 ta' Frar 1998, l-attur Raymond Tabone, ippremetta li b'testment tal-20 ta' Marzu 1996 gie nominat eredi universali ta' Maria Tabone, z-zija paterna tieghu, li mietet fit-8 ta' Mejju 1997. Zied jispjega li b'kuntratt tat-22 ta' Novembru 1965, Maria Tabone kienet akkwistat maqjel qadim ghall-annimali fi Triq il-Bicciera, Qala, Ghawdex b'gardina ta' madwar erba' kejliet, pari ghal madwar erbgha u sebghin punt tmienja metri kwadri konfinanti mill-punent ma' sqaq, lvant ma' beni ta' l-eredi ta' Francesco Formosa u tramuntana ma' beni ta' Angela Tabone. Dan il-fond kien soggett ghal cens annwu u perpetwu, liema cens gie mifdi mit-testatrici b'zewg cedoli tat-12 ta' April 1985, ma' liema cedoli giet annessa *site plan* tal-maqjel. Inoltre, b'kuntratt ta' divizjoni tat-13 ta' Dicembru 1966, lil Maria Tabone u ohtha Carmela kien messhom indivizament il-lok ta' djar bin-numru 30 u 37 fi Triq il-Bicciera, bil-gardina ta' siegh u nofs soggett ghal cens triennali lill-Universita` u ghal piz piju u perpetwu. Izid illi Carmela Tabone li mietet fit-18 ta' Jannar 1994, kienet istitwiet lil ohtha Maria eredi universali b'testment tat-13 ta' Frar 1975. Ghaldaqstant din il-proprjeta`, kif murija ahjar fuq il-pjanta Dok. L tappartjeni lilu. Ippreciza li fil-fatt ir-raba proprjeta` tieghu hija ta' estensjoni akbar minn dak indikat fil-kuntratti msemmija ghaliex il-kejl hemm indikat kien wisq approsimattiv u l-pussess tar-raba u l-bini kollu indikat fil-pjanta esebita minnu mac-citazzjoni, kien dejjem u esklussivament f'idejh jew f'idejn l-awturi tieghu.

Ippremetta li ghal habta ta' Settembru 1997, il-konvenuti kollha, hlief ir-Registratur ta' l-Artijiet, immolestawh fil-pussess ta' parti minn dan l-immobbli billi dahlu fih u ppretendew li din il-parti hija proprjeta` taghhom. Inoltre, f'Gunju 1997, l-istess konvenuti ppruvaw jirregistraw parti minn dan l-immobbli bhala taghhom u hu kien ghalhekk kostrett jipprezenta kawzjoni kontra tali registrazzjoni.

Stante li ma ntlahaqx ftehim bejniethom kellu jipprezenta c-citazzjoni odjerna ai termini tal-Kap. 296 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn talab lill-Qorti –

i) tiddikjara li l-konvenuti kollha, hlief ir-Registratur ta' l-Artijiet, immolestawh fil-pussess meta f'xi zmien wara l-mewt ta' Maria Tabone, dahlu u okkupaw parti mir-raba u beni mmobbli deskritti;

ii) tikkundannahom jirripristinawh fil-pussess ta' l-istess beni immobbli billi jiddesistu milli jidhlu fil-proprjeta` u jhalluha libera a disposizzjoni tieghu; u

iii) tordna lir-Registratur ta' l-Artijiet biex ma jirregistrax l-istess proprjeta` f'isem il-konvenuti l-ohra jew xi hadd minnhom.

**<u>IN-NOTA TA' L-ECCEZZJONIJIET TA' LAWRENCE TABONE PRO ET NOE</u>**

2. Il-konvenuti, ahwa Tabone ecceppew is-segwenti –

i) L-attur irid jindika car jekk l-azzjoni esperita minnu hijiex dik ta' manutenzjoni jew dik ta' spoll;

ii) Il-kwistjoni bejn il-partijiet tirrigwarda d-delimitazzjoni tal-konfini bejn l-art proprjeta` ta' l-attur, li giet akkwistata mill-awturi tieghu bil-kuntratt ta' divizjoni tat-13 ta' Dicembru 1966 u dak ta' kompravendita` tat-22 ta' Novembru 1965 u art li pperveniet lill-eccipjenti mill-eredita` ta' missierhom li miet fl-14 ta' Lulju, 1994. Din il-kwistjoni ma tistax tigi rizolta bil-kawza odjerna;

iii) Fil-mertu u bla pregudizzju ghal dak diga` eccepit l-attur irid jipprova li t-titolu tieghu fuq l-art okkupata u fil-pussess tal-konvenuti;

iv) Li fl-applikazzjoni ta' l-attur ghar-registrazzjoni tat-titolu tieghu fuq l-art mar-Registratur ta' l-Artijiet, l-attur iddikjara kejl ta' 1456 metri kwadri – kejl ferm akbar u li zgur ma jikkostitwixxix kejl approssimattiv ghall-kejl ta' 545 metri kwadri akkwistat u indikat fil-kuntratti citati minnu;

v) L-art fil-pussess taghhom qatt ma kienet fil-pussess ta' l-attur jew ta' l-awturi tieghu Maria u Carmela Tabone;

vi) L-art akkwistata minn Maria Tabone bil-kuntratt tat-22 ta' Novembru 1965, u li sussegwentement ic-cens annwu u perpetwu taghha kien infeda bic-cedoli ta' depozitu numru 133 u 134 tal-1985 ma hix l-istess art fil-pussess taghhom.

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti ahwa Tabone giet irtirata minnhom fis-seduta tat-28 ta' April 1998, wara li d-difensur ta' l-attur iddikjara li l-azzjoni intentata minnu hija l-actio manutentionis.

**IN-NOTA TA' L-ECCEZZJONIJIET TAR-REGISTRATUR TA' L-ARTIJIET**

3. B'nota pprezentata fl-24 ta' April 1998 ir-Registratur ta' l-Artijiet ppremetta li huwa ma huwiex il-legittimu kontradditur u li filwaqt li jirrimettu ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti, ma kellux ibati spejjez.

**IS-SENTENZA TAL-QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI, GURISDIZZJONI GENERALI**

4. B'sentenza tad-29 ta' April 2004, il-Qorti tal-Prim Istanza kkonkludiet illi kienu gew ippruvati l-elementi kollha sabiex tirnexxi l-azzjoni ta' manutenzjoni intentata mill-attur. Iddikjarat illi l-konvenuti ahwa Tabone kienu kkommettew molestja fil-pussess komuni li l-attur kellu flimkien maghhom ta' l-art in kontestazzjoni meta dawn applikaw sabiex jirregistraw l-istess art mar-Registratur ta' l-Artijiet, cahdet it-tieni talba attrici u ordnat lir-Registratur ta' l-Artijiet sabiex jiddesisti milli jirregistra l-art *de quo* f'isem il-konvenuti jew xi hadd minnhom. L-ispejjez kellhom jigu sopportati nofs bin-nofs bejn l-attur u l-konvenuti ahwa Tabone.

Il-Qorti ta' l-ewwel grad elaborat fuq il-principji legali applikabbli ghal azzjoni tax-xorta proposta mill-attur u wara li ezaminat il-provi prodotti mill-partijiet kontendenti

kkonkludiet illi l-pussess ta’ l-art *de quo* kien komuni bejn il-komponenti kollha tal-familja Tabone, ghallinqas sakemm kienet hajja Carmela Tabone, z-zija tal-partijiet. Dan ghaliex il-partijiet kienu imparentati u “jidher illi sakemm l-ahwa kien ghadhom hajjin, dawn ma kienux ifittxu bejniethom b’mod partikolari. Kulhadd kien jaghmel l-uzu li jidhirlu mid-diversi bicciet ta’ ghelieqi mdawwrin go xulxin ezistenti fl-inhawi.” Inoltre, ziedet tispjega li kien gie kkostatat minnha stess li “minhabba l-bini mgarraf u hafna gebel mitluq fil-parti ta’ l-ghalqa in kontestazzjoni, ma tantx seta’ jsir uzu prattiku mill-art.” B’hekk il-Qorti ddikjarat illi hadd mill-partijiet ma rnexxielu jipprova pussess esklussiv fuq l-art in kwistjoni ad eskluzzjoni tal-parti l-ohra. Ziedet, li l-pussess komuni huwa xorta manutenibbli f’kaz ta’ molestja. Ikkonkludiet illi ghalkemm ma kienx hemm molestja ta’ fatt, kif konfermat mill-istess attur, kienet saret molestja ta’ dritt meta l-konvenuti, wara li ghamlu denunzja addizzjonali sabiex jinkludu l-art *de quo* ma’ l-art li wirtu minghand missierhom, applikaw mar-Registratur ta’ l-Artijiet sabiex l-art in kwistjoni tigi registrata f’isimhom.

**<u>IR-RIKORS TA’ L-APPELL TA’ LAWRENCE TABONE PRO ET NOE</u>**

5. Il-konvenuti hassew ruhhom aggravati bid-decizjoni tal-Qorti l-ewwel grad u interponew appell minnha fuq aggravji li jistghu jigu riassunti hekk:

i) Issottomettew li, minkejja li l-attur iddikjara fil-premessi tac-citazzjoni tieghu li kien qed jistitwixxi din l-azzjoni ai termini tal-Kap. 296 tal-Ligijiet ta’ Malta, mill-ewwel zewg talbiet tieghu jirrizulta li l-azzjoni esperita minnu hija bbazata ai termini ta’ l-Artikolu 534 tal-Kap. 16 kif konfermat minnu stess fl-udjenza tat-28 ta’ April 1998 u dan nonostante li kien jaghmel izjed sens li kieku l-attur ibbaza l-kawza odjerna fuq il-Kap. 296 stante li kien jigi deciz min miz-zewg partijiet ghandu l-aktar titolu b’sahhtu biex jirregistra l-art f’ismu.

Jelaboraw li fl-ewwel talba tieghu l-attur talab dikjarazzjoni li l-konvenuti ahwa Tabone kkommettew molestja fil-

pussess tieghu meta “f’xi zmien wara l-mewt ta’ zitu Maria Tabone, huma dahlu u okkupaw l-art in kontestazzjoni”, liema talba hija bbazata unikament fuq molestja ta’ fatt u ghalhekk l-ewwel Qorti kellha tiddeciedi dwar jekk fil-fatt kienx hemm tali molestja ta’ fatt. Konsegwentement, fir-rigward ta’ l-ewwel talba, l-ewwel Qorti ddecidiet dwar hwejjeg li ma gewx imdahhla fil-talba attrici stante li tali talba kienet limitata ghall-fatt li l-konvenuti dahlu u okkupaw l-art *de quo* u mhux fuq ir-registrazzjoni minnhom tat-titolu taghhom mar-Registratur ta’ l-Artijiet u ghaldaqstant marret oltre fid-decizjoni taghha dwar l-ewwel talba attrici. Mill-provi rrizulta li ma kienet saret ebda molestja ta’ fatt, kif osservat il-Qorti stess. Kien hemm provi aktar mill-grad ta’ probabilita` rikjest mil-ligi li huma, u qabilhom missierhom, kienu ilhom snin fil-pussess ta’ din l-art u li ma kienux dahlu fiha wara l-mewt ta’ Maria Tabone. Ghalhekk stante li dan ir-rekwizit kien nieqes il-Qorti kellha tichad it-talbiet attrici u mhux issalvaha b’dikjarazzjoni li ma kenitx imdahhla f’dik it-talba.

ii) It-tielet talba attrici hija ta’ natura petitorja u bl-akkoljiment taghha l-Qorti ta’ l-ewwel grad iddecidiet dwar hwejjeg li jimpingu fuq il-petitorju meta l-azzjoni esperita mill-attur kienet dik ta’ manutenzjoni fil-pussess. Hu ormai assodat fid-dottrina u l-gurisprudenza li ma jistax ikun hemm kumulu ta’ dawn iz-zewg azzjonijiet, liema projbizzjoni ma tistax tigi sanata lanqas bl-akkwijexxenza jew il-kunsens espress jew tacitu tal-kontro-parti. Ghaldaqstant anke jekk jigi deciz li l-Qorti ta’ Prim Istanza kellha s-setgha li tiddeciedi dwar hwejjeg mhux inkluzi fic-citazzjoni attrici, certament ma setghetx tordna lir-Registratur jiddesisti milli jirregistra t-titolu tal-konvenuti bhala wiehed assolut, stante li tali talba hija ta’ natura petitorja u ma setghetx tigi deciza f’kawza possessorja bhal dik odjerna. Apparti dan mill-provi ma rrizultax li l-art tappartjeni lill-attur, u t-talba ghar-registrazzjoni maghmulha mill-konvenuti kienet giet mizmuma xorta wahda stante li kienet saret kawzjoni mill-attur fit-termini tal-Kap. 296 tal-Ligijiet ta’ Malta.

B’hekk talbu r-riforma tas-sentenza tal-Prim Istanza billi din il-Qorti tichad l-ewwel u t-tielet talbiet attrici u tirriforma l-kap ta’ l-ispejjez fejn huma kienu gew ikkundannati jhallsu nofs l-ispejjez.

**IR-RISPOSTA TA’ L-APPELL TA’ RAYMOND TABONE U L-APPELL INCIDENTALI TIEGHU**

6. Min-naha tieghu l-appellat issottometta li in kwantu laqghet l-ewwel u t-tielet talbiet tieghu s-sentenza tal-Qorti ta’ l-ewwel grad hija gusta u ghandha tigi konfermata. Jippreciza, izda, li ma jaqbilx mal-konkluzjoni tal-Qorti li l-kontendenti kollha kellhom il-pussess komuni ta’ l-immobbli *de quo* u ghalhekk intavola appell incidentali ghal din ir-raguni fir-rigward tad-decizjoni fejn dik il-Qorti cahdet it-tieni talba attrici u fir-rigward tad-decizjoni taghha dwar il-kap ta’ l-ispejjez.

L-appellat spjega li l-kwistjoni odjerna tikkoncerna l-pussess ta’ parti mill-art illi fuq il-pjanta Dok NI[1] tidher indikata bin-numru tnejn. Din l-art kienet originarjament giet assenjata lil certa Carmela Bartolo b’kuntratt ta’ divizjoni tad-19 ta’ Ottubru 1937, u sussegwentement din bieghetha lil Maria Tabone b’kuntratt tat-22 ta’ Novembru 1965[2]. Minn dakinhar din l-art ghaddiet fil-pussess ta’ Maria Tabone u meta fl-1985 hija rredimiet ic-cens gravanti l-artijiet taghha, mac-cedoli kienu gew annessi wkoll pjanti biex juru l-artijiet taghha, inkluz l-art *de quo*.

Elabora li Maria Tabone mietet fit-8 ta’ Mejju 1997 u b’testment tal-20 ta’ Marzu 1996 kienet innominatu eredi universali taghha. Kien wara l-mewt taghha li beda l-inkwiet. In fatti, ghalkemm missier Lawrence Tabone miet fl-1994 u kienet saret id-dikjarazzjoni ta’ trasferiment *causa mortis* tieghu entro t-terminu ta’ sitt xhur koncess mil-ligi, minghajr ma ssemmiet l-art *de quo*, fis-26 ta’ Mejju 1997, Lawrence Tabone resaq ghal kuntratt addizzjonali korrettorju u inkluda din ir-raba mal-proprjeta` ta’ missieru. Ftit wara rregistra din ir-raba bhala tieghu u ta’ hutu, dahal fir-raba u ddisturba l-pussess attrici fuqha.

[1] Fol 228
[2] Dok A

**L-APPELL INCIDENTALI**

7. Fl-appell incidentali l-attur jilmenta illi –

a) Ghalkemm l-ewwel Qorti interpretat korrettement il-principji legali li ghandhom jiggvernaw il-kaz, huwa ma jaqbilx ma' l-evalwazzjoni taghha tal-fatti tal-kaz u ma' l-applikazzjoni li ghamlet tal-principji legali minnha esposti ghal dawk il-fatti.

Jissottometti li dik il-Qorti ddipartiet mill-premessa li l-kontendenti huma kugini u donnha bniet il-konkluzjoni taghha fuq il-fatt li din ir-raba hija b'xi mod marbuta ma' l-assi ereditarji tan-nanniet tal-kontendenti, u ghalhekk l-pussess taghha baqa' dejjem komuni f'idejn l-ahwa kollha Tabone. Tali konkluzjonijiet huma bazati fuq premessa skorretta ghaliex il-fatt li l-partijiet kontendenti huma kugini ma ghandu l-ebda relevanza fuq is-soluzzjoni tal-kawza odjerna. Kull parti kienet minn dejjem tippossjedi l-artijiet minnha akkwistati minn meta dawn gew akkwistati u hadd minnhom ma qatt ippossjeda art li kienet giet akkwistata minn jew messet lil haddiehor. In fatti, ma kienx b'xi kumbinazzjoni li Lawrence Tabone ntebah li kien naqas li jinkludi din l-art fid-dikjarazzjoni tat-trasferiment *causa mortis* ta' missieru u dahal go fiha l-ewwel darba, proprju fil-jiem wara l-mewt ta' Maria Tabone, u mhux meta Tabone kienet ghadha hajja.

Dejjem skond l-attur, ma hemm l-ebda prova li tikkorrobora l-asserzjoni vakwa tal-konvenuti li huma kienu fil-pussess ta' l-art *de quo*. Lanqas ma jirrizulta, li din l-art kienet xi darba tifforma parti mill-assi komuni tan-nanniet tal-kontendenti jew li b'xi mod kienet marbuta ma' dawn l-assi, kif irragunat l-ewwel Qorti. Il-konvenuti Tabone stess jammettu li din l-art ma kenitx kompriza f'tali assi ereditarji stante li, kif irrealizzat l-ewwel Qorti, il-konvenuti jikkontendu li l-art *de quo* kienet giet akkwistata minn missierhom minghand nies maghrufa bhala "Tal-Bambin", wara li giet ivvakata minn terzi. Ghalhekk il-parentela tal-partijiet u d-divizjoni ta' l-assi ereditarji tan-nanniet tal-kontendenti huma rrelevanti, hlief biex jigi stabbilit li din l-art ma messietx lil missier il-konvenuti. L-

istess jinghad ghall-kumment tal-Qorti li sakemm l-ahwa kienu ghadhom hajjin kulhadd kien jaghmel l-uzu li jidhirlu mid-diversi bicciet ta' ghelieqi mdawrin go xulxin ezistenti fl-inhawi. Jissottometti li l-konvenuti jridu jinqdew bil-fatt li missierhom gieli kien imur jghin lil hutu Maria u Carmela Tabone, biex jargumentaw li l-pussess ta' Maria Tabone kien ekwivoku jew komuni bejn l-ahwa Tabone u li dan kien jintitolahhom jiehdu pussess ta' l-art *de quo* u jirregistrawha bhala taghhom. Izda wiehed irid jikkonsidra li –

i) kieku dan kien hekk, l-art kellha tigi inkluza minn Lawrence Tabone ma' l-assi ta' missieri fid-dikjarazzjoni *causa mortis* li huwa ghamel meta dan miet;

ii) Lawrence Tabone ftakar f'din l-art ftit jiem wara li mietet Maria Tabone, ghamel dikjarazzjoni addizzjonali u ftit jiem wara mar jirregistra din l-art bhala tieghu u ta' hutu - dan nonostante li fis-seduta tat-18 ta' Frar 2002, qal li r-raba *de quo* "dejjem nafu f'idejn missieri";

iii) Lawrence Tabone jammetti li din l-art ma kenitx inkluza fl-assi ereditarji tan-nanniet tal-kontendenti jew b'xi mod marbuta maghhom u ghalhekk ma seta' qatt kien hemm pussess komuni jew ekwivoku bejn Mikiel, Maria u Carmela Tabone.

iv) Jallega li din l-art kienet giet akkwistata minn missieru minghand familja maghrufa bhala "Tal-Bambin". Originarjament irrefera ghal din il-familja bhala "Tal-Bambinu" u meta gie stabbilit minn xhieda estraneji li kien hemm zewg familji differenti, wahda maghrufa "Tal-Bambin" u l-ohra "Tal-Bambinu" u l-konvenut irrealizza li l-familja "Tal-Bambinu" ma setghetx kellha xi proprjeta` fl-inhawi, ipprezenta affidavit u ikkorega dan l-izball. Tabone izda la qatt indika l-epoka li fih sar tali akkwist jew indika xi kuntratt ta' akkwist ta' missieru biex jissostanzja din l-allegazzjoni.

v) Kieku verament l-art giet akkwistata fiz-zwieg minn Mikiel Tabone, din kienet proprjeta` tal-Kommunjoni

ta’ l-Akkwisti, izda l-konvenuti inkludew ir-raba fl-assi parafernali ta’ missierhom u eskludew lil ommhom.

vi) Tabone jallega li missieru kellu l-pussess tar-raba ghaliex kien izomm hmar u karettun u pprezenta ricevuta ta’ hlas tal-licenzja tal-pulizija relattiva ghal dan il-karettun. Din ir-ricevuta izda turi li l-karettun ma kienx ta’ Mikiel Tabone izda ta’ Maria u Carmela Tabone. Dan isahhah it-tezi li kull ma kien jaghmel missier il-konvenut kien li xi kultant imur jaghti daqqa ta’ id lil hutu xebbiet u peress li kien ragel seta` jikkontrolla ahjar il-hmara ta’ hutu

Kontra dawn l-allegazzjonijiet l-attur irnexxielu jipprova bi provi konkreti u inkontestabbli is-segwenti –

i) apparti l-artijiet assenjati lilha fid-divizjoni bejn l-ahwa Tabone, Maria Tabone akkwistat assi immobiljari fl-inhawi minghand il-familja ta’ Carmela Bartolo li kienu proprjetarji ta’ estensjoni art pjuttost kbira fl-inhawi, liema art kienet originarjament ta’ missierha Salvatore Muscat. Infatti, fl-1897 dan Salvatore Muscat kien ipprezenta kawza in konnessjoni mar-raba *de quo* kontra Giovanna Buttigieg, membru tal-familja “Tan-Naq” li Lawrence Tabone stess jammetti li kienu zmien ilu fil-pussess ta’ l-art *de quo*. Felic Portelli, prodott mill-konvenuti wkoll ammetta li “in-Naq kien fil-kera.”

ii) Ghalkemm il-konvenuti ma jikkontradixxux il-fatt ta’ dan l-akkwist, jirrifjutaw li jirrikonoxxu l-ezistenza tar-raba akkwistata minn Maria Tabone u jghidu li hemm inkonsistenza fil-kejl ta’ l-artijiet akkwistati minn Maria Tabone. Jinjoraw il-fatt accettat minn kulhadd li hija ppussessat raba aktar minn dak indikat fil-kuntratt ta’ l-akkwist taghha u li tali pussess ma jistax jikkreja drittijiet favur taghhom jew favur missierhom. Il-pussess ta’ Maria Tabone hu konfermat mic-cedoli ta’ depozitu u kontestwali fidi ta’ cens fejn gew annessi pjanti li juru proprju li hija kienet tqis l-art taghha. Tali cedoli kienu pprezentati tnax-il sena qabel ma nqalghet il-vertenza odjerna u ghandhom jinghataw piz fl-apprezzament tal-provi.

iii) Xhieda estraneji, fosthom Anthony Mifsud ikkonfermaw li Maria Tabone kienet tippossjedi l-art *de quo* u thallas cnus u pizijiet fuq din l-art.

B'hekk l-attur talab li din il-Qorti tichad l-appell interpost mill-konvenuti ahwa Tabone bl-ispejjez u tilqa' l-appell propost minnu billi tikkonferma s-sentenza appellata fejn din laqghet it-tielet talba tieghu, tirriformaha in kwantu laqghet l-ewwel talba billi tiddikjara li l-pussess tar-raba *de quo* ma kienx komuni ghall-kontendenti izda kien esklussivament f'idejh u l-aventi kawza tieghu, u tilqa' t-tieni talba attrici. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, ahwa Tabone.

**<u>RISPOSTA TA' LAWRENCE TABONE PRO ET NOE ET GHALL-APPELL INCIDENTALI TA' L-ATTUR</u>**

8. Il-konvenuti jissottomettu li l-ewwel Qorti kienet gustifikata meta cahdet it-tieni talba attrici u ghaldaqstant dak li gie deciz minn dik il-Qorti ghandu jigi konfermat, filwaqt li ghandu jigi michud l-appell incidentali, bl-ispejjez kontra l-attur appellat. Izidu li fir-rigward tat-talba sabiex tigi riformata d-decizjoni fuq l-ewwel talba attrici ghandha ssir referenza ghall-aggravju sollevat minnhom fir-rikors ta' l-appell taghhom u l-ewwel talba ghandha tigi revokata u michuda u mhux riformata ghar-ragunijiet minnhom hemm esposti. Inoltre, minn qari tar-risposta ta' l-appell ta' l-attur jirrizulta li hu ma kellux xi jwiegeb ghaz-zewg aggravji li fuqhom huwa msejjes l-appell taghhom u l-appell incidentali tieghu ma jikkontesta bl-ebda mod tali aggravji.

Jispjegaw li fl-appell incidentali l-attur qed jerga` jinsa n-natura ta' l-azzjoni esperita minnu u qed jerga' jikkonfondi l-azzjoni possessorja ma' dik petitorja. Huma ma kenux tenuti li jgibu ebda prova tat-titolu taghhom fuq l-art ghaliex f'azzjoni *manutentionis* jinhtieg biss li ssir il-prova tal-pussess ta' l-art, li ma kienx hemm molestja tal-pussess da parti taghhom u li l-azzjoni saret fit-terminu rikjest mil-ligi. Inoltre, huma ma humiex tenuti li jgibu ebda prova tal-pretensjoni attrici stante li l-oneru tal-prova jibqa' fuq min jallega – huwa l-attur li jrid igib il-prova li

tissodisfa l-elementi rikjesti mil-ligi ghall-ezercizzju b’success tal-kawza esperita minnu, liema prova hija mankanti.

Jelaboraw li ghalkemm il-Qorti ta’ l-ewwel grad kienet cara fl-esposizzjoni tal-fatti, l-attur appellat qed jipprova wkoll jikkonfondi certu fatti. Ghalkemm l-art *de quo* tinsab fl-istess inhawi tar-raba li wirtu missirijiet il-kontendenti u Carmela u Maria kollha ahwa Tabone u tifforma parti mill-istess territorju maghruf bhala “Ta’ Biccieri” sive “Tat-Tawru”, m’ghandha x’taqsam xejn ma’ dik ir-raba. Mill-provi rrizulta li din l-art hija dik li fuqha kien hemm in parti mibnija ghorfa, illum imgarrfa, li kienet ta’ nies maghrufa bhala “Tal-Bambin” jew “Tal-Bambinu” kif gie kkonfermat minn bosta xhieda midhla taz-zona, liema familja ma ghandha ebda konnessjoni mal-familja tal-kontendenti. Fl-antik, qabel ma waqghet id-dwejra, din kienet mikrija ghand nies maghrufa bil-laqam “Tan-Naq”, li kienu hargu minnha meta l-missierhom akkwista l-art u mbaghad, xi zmien wara, l-ghorfa ggarfet. Missier il-konvenuti akkwista l-art *de quo* qabel ma zzewweg fl-1949, tant li meta ggarraf il-bini kien hu li mar jaghlaq l-access tal-moghdija li kien hemm taht l-ghorfa minhabba l-periklu – dan il-fatt gie konfermat minn Anthony Mifsud li xehed li meta kellu xi ghaxra jew tnax-il sena ra lill-missier il-konvenuti jinbarra l-entrata. Peress li x-xhud twieled fl-1937, jigi li missierhom ghalaq l-entratura bejn l-1947 u l-1949. Ghalhekk peress li missierhom akkwista l-art qabel iz-zwieg huma ddikjaraw din il-proprjeta` bhala appartenenti lil missierhom biss.

Felic Portelli, jikkonferma li l-art in kontestazzjoni giet akkwistata minn Mikiel Tabone minghand il-familja “Tal-Bambin” jew “Tal-Bambinu” u qal li sakemm kien ghadu jidhol fil-proprjeta` li kellu vicin ta’ l-art, jiftakarha fil-pussess ta’ Mikiel Tabone - lil Maria Tabone ma jiftakarhiex fir-raba. Din ix-xiehda ghandha titqies bhala l-aktar attendibbli. Dan Portelli kien jaf sew min jidhol fir-raba ghaliex biex Mikiel Tabone jidhol fir-raba in kontestazzjoni kellu jghaddi bilfors minn hdejn ir-raba ta’ Felic Portelli, li minghandu u minghand hutu l-attur xtara l-ghar bil-kuntratt tat-13 ta’ Lulju 1998. Dan apparti, l-attur

ma setax ikun jaf fejn kien ir-raba okkupat minn Maria Tabone li kien ilha bosta snin li refghet mix-xoghol u li wara l-mewt ta’ ohtha lanqas baqghet tersaq lejn l-eghlieqi proprjament taghha. Jirrizulta wkoll mix-xiehda ta’ Joe Grima, kugin tal-partijiet, li meta Maria Tabone kien ghadha tiflah, hija u ohtha kienu jidhlu u jahdmu r-raba li Mikiel Tabone ma kienx jahdem. Dak li kien isir b’tolleranza, l-attur qed jipprova jdawwru fi dritt.

L-attur tant ma kien jaf xejn dwar il-kejl ta’ l-art li kellha Maria Tabone wara d-dar taghha, li meta din mietet u gie biex jaghmel id-dikjarazzjoni *causa mortis* taghha ddikjara biss id-dar b’mandra annessa maghha minghajr ma indika ebda kejl jew annetta pjanta ta’ l-istess raba. Infatti, l-attur mhux biss ipprova jirregistra f’ismu l-art in kontestazzjoni izda artijiet ohra fl-istess inhawi appartenenti lil terzi fosthom dik tal-familji Vassallo u Tabone li rregistraw kawzjoni fir-Registru ta’ l-Artijiet kontra tieghu, li huma wkoll esebiti fl-atti.

Jillanjaw li l-attur qed jippretendi li jestendi l-kejl tal-maqjel u l-erba’ kejliet raba (75m.k) li zitu akkwistat bil-kuntratt tat-22 ta’ Novembru 1965, ghal zewg ikmamar rurali, maqjel, bitha, kamra zghira u nofs tomna raba (561 m.k.) – liema kejl gie mmarkat mill-attur bin-numru tnejn, bl-ahmar f’Dok N1. Dan ghaliex l-art li wiret minghajr l-art in kontestazzjoni u minghajr il-proprjetajiet ta’ Vassallo u Tabone tiswa ferm inqas minhabba l-limitazzjonijiet ta’ zvillupp. Inoltre, l-ebda wahda mill-kmamar li jinsabu fuq l-art mifdija bic-cedoli Dok B u C ma huma mgarrfa u l-attur jippretendi li jiehu wkoll l-art ta’ taht il-bini l-imgarraf meta fil-kawza ma gab ebda prova li din qatt kienet fil-pussess ta’ zitu.

L-uniku xhud estraneju prodott mill-attur, Anthony Mifsud, cahad li Maria Tabone kienet thallas cens triennali fuq l-art in kontestazzjoni u qal li l-uniku cens li kienet thallas kien biss fuq ir-residenza taghha fi Triq Bicciera, Qala, li hija u ohtha Carmela wirtu minghand il-genituri taghhom. L-attur tant infixel, li s-site plans annessi mac-cedoli Dok B u C li jindikaw il-lokalita` fejn tinsab il-proprjeta` mifdija, irrefera ghalihom bhala pjanti li juru l-artijiet li kellha Maria

Tabone u lanqas induna li fl-istess site plans, is-sit immarkat jinkludi wkoll proprjeta` li Lawrence Tabone akkwista b'kuntratt tat-12 ta' Awissu 1991, u li jikkonfina ma' l-art in kontestazzjoni min-naha ta' nofsinhar ghax-xlokk. Dawn is-site plans ma jurux l-estensjoni, il-konfini u l-kobor tal-proprjeta` mifdija bl-imsemmija cedoli, u l-osservazzjonijiet li l-attur ghamel fuqhom ma jistghux jipprovaw il-pretesjoni attrici. Biex jipprova jikkreja dubbji dwar l-appartenenza ta' l-art in kwistjoni hu qed jittenta wkoll iqanqal dubji dwar il-laqam "Tal-Bambin" bl-ghan li jaghti l-impressjoni li dawn iz-zewg laqmijiet kienu ta' persuni differenti, meta fl-ahhar udjenza quddiem il-Qorti hu kien iddikjara li ma kenitx taghmel differenza jekk il-laqam kienx "Tal-Bambin" jew "Tal-Bambinu". Fl-ahharnett jinghad ukoll li min hu sid il-hmara ma jiddeterminax min kien sid l-art.

## <u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>

9.1 Minn ezami ta' l-atti tal-kaz odjern jirrizulta li z-zewg partijiet, kontendenti Tabone, li huma kugini, ma qablux mad-decizjoni raggunta mill-Qorti ta' Prim Istanza, anke jekk ghal ragunijiet kompletament diversi. Il-lanjanzi tal-konvenuti, ahwa Tabone, huma essenzjalment tnejn, ossija –

i) li l-Qorti ta' l-ewwel grad marret oltre dak mitlub minnha fic-citazzjoni attrici meta wara li ezaminat il-provi prodotti u kkonkludiet li ma kienx hemm molestja fattwali fil-pussess attrici, xorta salvat l-azzjoni intentata mill-attur billi ddecidiet li l-appellanti kienu mmolestaw lill-attur fil-pussess in komuni li huwa kellu maghhom ta' l-art *de quo*, permezz tar-registrazzjoni li huma ghamlu ta' l-art mar-Registratur ta' l-Artijiet. F' kelma wahda, dik il-Qorti kienet ikkonkludiet li kienet saret molestja ta' dritt u li ghalhekk ir-rekwiziti biex l-*actio manutentionis* tigi intentata b'success kienu jezistu kollha;

ii) li meta ddecidiet it-tielet talba attrici iddecidiet dwar hwejjeg li jimpingu fuq il-petitorju, meta l-azzjoni esperita mill-attur hija wahda possessorja.

Talbu wkoll varjazzjoni fid-decizjoni tal-Qorti ta’ l-ewwel grad dwar l-ispejjez li pero` se tigi trattata aktar tard, meta din il-Qorti titratta talba wkoll simili mill-attur fl-appell incidentali tieghu.

9.2 L-attur Raymond Tabone ukoll hass ruhu aggravat bid-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti u interpona appell incidentali. L-appell ta’ l-attur jitratta principalment dwar l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti u jissottometti li ma jaqbilx ma’ l-evalwazzjoni li dik il-Qorti ghamlet tal-fatti tal-kaz u ma’ l-applikazzjoni maghmula minnha tal-principji legali applikabbli ghal dawk il-fatti. L-aggravji tieghu, in succinct, huma s-segwenti –

i) Id-decizjoni tal-Qorti ta’ l-ewwel grad li l-kontendenti kollha kellhom il-pussess komuni ta’ l-art de quo hija zbaljata. Dik il-Qorti ddipartiet mill-premessa zbaljata li l-partijiet huma kugini u donnha bniet il-konkluzzjonijiet taghha fuq il-fatt li din ir-raba kienet b’xi mod marbuta ma’ l-assi ereditarji tan-nanniet tal-kontendenti u ghalhekk il-pussess baqa’ komuni f’idejn l-ahwa Tabone, ossija missier l-attur u hutu. Jinsisti li kull parti dejjem ippossediet l-art akkwistata minnha jew l-art li messitha b’wirt, u li l-art in kwistjoni kienet originarjament giet assenjata lil Carmela Bartolo, wara l-mewt ta’ missierha Salvatore Muscat li kien proprjetarji ta’ estensjoni kbira fl-inhawi, u li sussegwentement bieghet l-art lil Maria Tabone li mill-ewwel bdiet tipposjediha u in fatti dejjem ippossediet estensjoni ta’ art akbar minn dik indikata fil-kuntratt ta’ akkwist taghha.

ii) Huwa jitlob lil din il-Qorti tilqa’ t-tieni talba tieghu.

iii) Fil-bidu tar-risposta ta’ l-appell tieghu jghid illi huwa qed jintavola dan l-appell anke fir-rigward tad-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti dwar l-ispejjez peress li dawn ghandhom jigu akkollati kollha lill-konvenuti ahwa Tabone.

Din il-Qorti sejra issa tghaddi biex titratta tali lanjanzi separatament u fl-ordni segwit aktar ’il fuq.

10.1 Fl-ewwel lanjanza taghhom, l-ahwa Tabone jikkontendu li d-decizjoni tal-Qorti kienet *extra petita* billi dik il-Qorti "fid-decide taghha dwar l-ewwel talba taghat izjed minn dak li ntalab mill-istess attur". Jispjegaw illi fl-ewwel talba tieghu l-attur talab dikjarazzjoni li l-konvenuti kkommettew molestja fil-pussess attrici "meta, f'xi zmien wara l-mewt ta' Maria Tabone, intom dhaltu u okkupajtu parti mir-raba u beni mmobbli fuq deskritti." Jikkontendu li din it-talba hija bazata unikament fuq il-molestja ta' fatt u tirrigwarda limitatament ezami ta' dan il-fatt u mhux il-fatt tar-registrazzjoni minnhom tat-titolu mar-Registratur ta' l-Artijiet. Dik il-Qorti kellha ghalhekk tiddeciedi dwar jekk fil-fatt kienx hemm din il-molestja ta' fatt. Kif wara kollox osservat l-ewwel Qorti, rrizulta li l-konvenuti u qabilhom missierhom, kien ilhom snin fil-pussess u jokkupaw l-art *de quo* u ghaldaqstant it-talba attrici kellha tigi michuda u mhux tigi salvata b'dikjarazzjoni li ma kenitx imdahhla fit-talba attrici.

10.2 Kif korrettement jissottomettu l-konvenuti appellanti, il-Qorti ta' Prim istanza fis-sentenza taghha kkonkludiet illi l-pussess ta' l-art *de quo* ma kienx esklussivament ta' l-attur, izda kien hemm pussess komuni bejn il-kontendenti. Dik il-Qorti kienet ziedet telabora illi l-pussess komuni huwa wkoll manutenibbli u ddikjarat illi "il-molestja tal-pussess ta' l-attur sehhet bil-fatt illi l-konvenuti, wara li ghamlu denunzja addizzjonali sabiex jinkludu din il-bicca art mal-bqija tal-proprjeta` li kienu wirtu minghand missierhom, applikaw mar-Registratur ta' l-Artijiet sabiex l-istess art tigi registrata f'isimhom." Ziedet li "Fil-kaz taghna ma kellniex molestja ta' fatt. In fatti l-attur innifsu jammetti li l-konvenuti fil-mandra ma dahlux. Imma kien hemm molestja ta' dritt meta l-konvenuti ttentaw jinkorporaw l-art in kontestazzjoni ma' l-art li riedu jirregistraw mar-Registratur ta' l-Artijiet a skapitu tal-pretensjonijiet fuq l-istess art li kellu l-attur."

Il-Qrati taghna kostantement irritenew illi fid-determinazzjoni tal-kawza l-Qorti kellha toqghod strettament ghat-termini tal-kawzali u t-talba kif migjuba fic-citazzjoni. Is-sentenza kellha tirrispekkja dik it-talba konsiderata fid-dawl tal-provi prodotti u tal-principji tad-

dritt applikabbli ghalihom, u tenut kont tal-eccezzjonijiet tal-konvenut[3]. Dan ghaliex il-Qrati lokali dejjem ippruvaw josservaw li ma tinghata ebda sentenza li tissorprendi l-partijiet b'xi fattur jew punt li ma jkunx ingieb a konjizzjoni taghhom jew inghataw l-opportunita` li jittrattaw[4]. Hu principju maghruf illi fl-ghoti tas-sentenza f'kawza l-gudikant ghandu joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni b'mod illi waqt li hu obbligat jokkupa ruhu mill-kwestjonijiet kollha dedotti fil-gudizzju mill-partijiet; min-naha l-ohra ma jistax jittratta u jirrisolvi kwestjonijiet li l-partijiet ma ssolevawx u ma ssottomettewx ghad-decizjoni tieghu.

10.3 Din il-Qorti taqbel ma' dawn il-principji u tirrileva li fid-decizjoni taghha l-Qorti ta' Prim Istanza ddecidiet a bazi ta' dak mitlub lilha fid-domandi attrici hekk kif imfissra fl-att tac-citazzjoni. Dik il-Qorti ddecidiet fuq ic-cirkostanzi u l-fatti dedotti fic-citazzjoni attrici u qaghdet fil-limiti tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet. Certament id-decizjoni ma ssorprendiet bl-ebda mod lill-konvenuti, appellanti odjerni. Ghalkemm ghandhom ragun l-appellanti meta jirrilevaw illi fl-ewwel talba l-attur talab li l-Qorti tiddikjara li l-konvenuti ahwa Tabone kkommettew molestja fil-pussess tieghu "meta f'xi zmien wara l-mewt ta' Maria Tabone, intom dhaltu u okkupajtu xi parti mir-raba u beni immobbli fuq deskritti", izda fl-att tac-citazzjoni minnu pprezentata, meta jitkellem dwar il-molestja, l-attur, wara li jsemmi l-fatt li l-konvenuti dahlu f'din l-art, izid jispjega hekk –

"Illi ricentement ukoll, ghal habta ta' Gunju 1997, l-konvenuti…ppruvaw jirregistraw parti minn dan l-immobbli bhala taghhom, tant li l-esponenti kien anke kostrett jipprezenta kawzjoni kontra r-registrazzjoni mitluba mill-konvenuti kollha hlief ir-Registratur ta' l-Artijiet, u stante illi bejn il-partijiet ma ntlahaqx ftehim huwa kien kostrett jipprezenta c-citazzjoni odjerna ai termini tal-Kap. 296…"

Altru milli dan il-punt ingieb a konjizzjoni ta' l-appellanti!

---

[3] Paul Gauci et v. Joseph Mugliette – Appell Superjuri - 9 ta' Frar 2001
[4] Laferla Insurance Agency Ltd noe v. Laferla Christopher - Appell Inferjuri – 14 ta' Gunju 2001

Illi huwa d-dmir ta’ din il-Qorti illi taccerta ruhha li ssir gustizzja bejn il-partijiet fil-kawza u fil-kaz in kwistjoni ma jidher li sar xejn mill-ewwel Qorti li ppregudika lill-appellanti. Li kieku din il-Qorti kellha tabbraccja t-tezi ta’ l-appellanti hija tkun qed tmur fl-eccess tal-formalizmu esagerat b’mod li jigi eskluz l-ispirtu tal-ligi u l-gustizzja. Dan apparti l-konsiderazzjoni l-ohra li mit-tielet talba, u mill- inkluzjoni tar-Registratur ta’ l-Art bhala ko-konvenut, ghandu jirrizulta sufficjentement li l-konvenuti kienu ferm ipperturbati bir-registrazzjoni intentata mill-attur ta’ l-art *de quo*. Ghaldaqstant dan l-ewwel aggravju qed jigi michud.

11.1 Fit-tieni lanjanza taghhom, l-appellanti jikkontendu li l-Qorti ta’ l-ewwel grad ma setghetx tordna lir-Registratur ta’ L-Artijiet jiddesisti milli jirregistra t-titolu tal-konvenuti bhala wiehed assolut stante li b’tali decizjoni l-Qorti ddecidiet dwar hwejjeg li jimpingu fuq l-petitorju meta l-azzjoni esperita mill-attur hija wahda ta’ natura possessorja. L-appellanti jispjegaw illi huwa ormai assodat fid-dottrina u l-gurisprudenza li ma jistax ikun hemm il-kumulu ta’ dawn iz-zewg azzjonijiet, fatt li lanqas jista jigi sanat bl-akkwijexxenza jew il-kunsens tal-kontroparti.

11.2 L-appellanti ghandhom ragun meta jsostnu li ma hux possibbli li jsir kumulu taz-zewg azzjonijiet differenti f’daqqa. In fatti dejjem gie ritenut illi l-iskop finali u uniku ta’ l-azzjoni ta’ manutenzjoni huwa dak li jigi stabbilit mill-gudikant min ghandu l-pussess, biex jigi maghruf liema miz-zewg kontendenti ghandu jsostni fil-gudizzju petitorju, li eventwalment jigi affrontat, il-parti ta’ l-attur u dik ta’ konvenut f’kawzi ta’ din ix-xorta. B’rizultat ta’ dan mhix espedjenti li jigi ezaminat jekk l-attur huwiex assistit minn titolu stante li l-pussess ta’ liema xorta jkun, purche` ma jirrizultax li gie uzurpat mill-avversarju bi vjolenza jew bil-mohbi, jew li gie ottenut minnu prekarjament, huwa sufficjenti. Din l-azzjoni in fatti ghandha karattru konservattiv[5] u fiha l-attur jinvoka l-pussess tieghu u jitlob li l-konvenut jigi ordnat li jaghmel kollox mill-gdid fl-istat ta’ qabel, u huwa proprju ghalhekk li bosta awturi jikkontendu

[5] T. Vella v. M. Boldarini et – Appell Superjuri - 24 ta’ Frar 1967

li f'kawza ta' din ix-xorta il-Qorti tista` tordna li jitwaqqa' bini li jkun sar fuq l-art fil-pussess ta' l-attur, ghaliex tali kostruzzjoni tkun qed tostakola l-pussess fattwali ta' l-attur. L-istess ma japplikax fil-kaz ta' registrazzjoni ta' proprjeta` mar-Registratur ta' l-Artijiet. Tali registrazzjoni ghandha rilevanza f'kawza ta' natura petitorja fejn jigi deciz finalment min huwa sid l-art in kwistjoni u mhux fil-kawza odjerna li titratta unikament il-pussess ta' l-art. Ghandhom ghalhekk ragun l-appellanti meta jikkontendu li l-Qorti ta' l-ewwel grad ma setghetx tilqa` t-tielet talba attrici u tordna lir-Registratur ta' l-Artijiet jiddezisti milli jirregistra din l-art f'isem il-konvenuti ahwa Tabone jew f'isem xi wiehed minnhom. Apparti dan, jinghad ukoll illi l-attur innifsu kien ghamel kawzjoni f'dan ir-rigward fir-Registru ta' L-Artijiet biex jipprotegi t-titolu li jippretendi li ghandu fuq l-art *de quo*. Ghaldaqstant dan l-aggravju jirrizulta gustifikat.

**DWAR L-APPELL INCIDENTALI TA' L-ATTUR**

12.1 Imiss issa li jigu trattati l-lanjanzi esposti mill-attur Raymond Tabone fl-appell incidentali tieghu. Minn qari akkurat tar-Risposta ta' l-Appell (li fil-fatt ma tikkontjeni ebda risposta ghall-aggravji esposti mill-konvenuti fl-appell taghhom) u l-appell incidentali, jirrizulta kjarament li l-lanjanza centrali ta' l-attur tirrigwarda l-apprezzament tal-provi mill-Qorti ta' l-ewwel grad, liema evalwazzjoni wasslitha ghall-konkluzjoni li l-attur ma kellux il-pussess esklussiv ta' l-art in kwistjoni u li l-pussess kien komuni ghall-partijiet kontendenti, kugini Tabone. Dan ghaliex fil-fehma ta' dik il-Qorti "hadd minnhom ma rnexxielu jipprova li lahaq akkwista xi pussess esklussiv ta' din il-bacca art a skapitu ta' l-iehor."

12.2 L-attur jikkontendi li l-ewwel Qorti ddipartiet mill-premessa illi l-kontendenti huma kugini u donnha bniet il-konkluzjonijiet taghha fuq il-fatt inkorrett li din ir-raba hija b'xi mod marbuta ma' l-assi ereditarji tan-nanniet taghhom u li ghalhekk il-pussess baqa' dejjem in komuni bejn missier il-kontendenti u z-zijiet taghhom. Isostni li l-parentela tal-partijiet ma ghandha ebda relevanza ghas-soluzzjoni tal-vertenza oderna. Jispjega li hu kien elenka

dettaljatament it-titoli rispettivi tal-partijiet biex ikun jista` jigi stabblit il-pussess li kellhom il-partijiet, stante li kull parti minn dejjem ippossediet l-artijiet akkwistati minnha jew assenjati lilha b'wirt, u hadd qatt ma ppossjeda art li kienet tappartjeni lil xi hadd iehor minn hutu. Izid jghid li ma hemm ebda cenn ta' prova illi jikkorrobora l-asserzjoni vakwa tal-appellanti li huma kienu fil-pussess ta' l-art *de quo*, u lanqas qatt irrizulta li din l-art kienet tifforma parti mill-assi ereditarji tan-nanniet komuni tal-partijiet, jew kienet b'xi mod marbuta ma` tali assi. Dan jammettuh il-konvenuti stess, li jikkontendu, kif irrealizzat l-ewwel Qorti stess li "missierhom kien akkwistaha minghand nies maghrufa bil-laqam "Tal-Bambin" wara li familja ohra bil-laqam "Tan-Naq" kienu evakwaw mill-fond." Ikompli li l-kumment ta' l-ewwel Qorti li "sakemm l-ahwa kienu hajjin, dawn ma kienux ifittxu bejniethom b'xi mod partikolari. Kulhadd kien jaghmel l-uzu li jidhirlu mid-diversi bicciet ta' l-ghalqa mdawrin go xulxin ezistenti fl-inhawi" huwa irrelevanti ghas-soluzzjoni tal-kwistjoni odjerna.

Biex isahhah it-tezi tieghu jghaddi mbaghad biex jelenka dawk li huwa jsejjah difetti f'dan ir-ragunament u jishaq fuq il-fatt li Lawrence Tabone ma kienx inkluda din l-art fid-dikjarazzjoni *causa mortis* li huma ghamel meta miet missieru, izda inkludiha biss f'dikjarazzjoni addizzjonali li ghamel wara l-mewt ta' Maria Tabone, li kienet innominat lill-attur eredi universali taghha. Jelabora li ghalkemm Lawrence Tabone jallega li din l-art kienet giet akkwistata minn missieru minghand familja "Tal-Bambinu" jew "Tal-Bambin" qatt ma giet indikata almenu approssivattivament l-epoka li fih sar dan l-akkwist u lanqas qatt gie indikat ebda kuntratt ta' akkwist minn missieru tal-proprjeta` *de quo*.

Jissottometti li hu kien gab provi konkreti u inkontestabbli li Maria Tabone minbarra l-art li wirtet kienet akkwistat ukoll assi mmobiljari fl-inhawi minghand Carmela Bartolo, li kienet giet assenjata l-art *de quo* wara l-mewt ta' missierha Salvatore Muscat. Isostni li kien ipprova li dan Muscat kien ipprezenta kawza fl-1897 dwar il-kera ta' din ir-raba kontra Giovanna Buttigieg, komponenti tal-familja Tan-Naq, li Lawrence Tabone stess jammetti li f'xi zmien

kienu fil-pussess taghha. Jissottometti li ghalkemm il-konvenuti jammettu li tali akkwist kien effettivament sehh, jinsistu li l-art akkwistata minnha ma kenitx tinkorpora l-art *de quo* u dan a bazi ta' l-inkonsistenza fil-kejl ta' l-art akkwistata minn Maria Tabone. Dwar dan jispjega li Maria Tabone kienet ippussjediet estensjoni raba akbar minn dak indikat fil-kuntratt, kif jipprovaw il-pjanti annessi mac-cedoli ta' depozitu u kontestwali fidi, li jindikaw proprju li hija kienet tqis l-art in kwistjoni bhala taghha. Inoltre, xhieda esterni, bhal Anthony Mifsud xehdu li Maria Tabone kienet tipposjedi l-art *de quo* u kienet thallas ic-cens u l-pizijiet fuqha.

12.3 Min-naha taghhom, l-appellati rikonvenzjonati ma jaqblux ma' dak sottomess mill-attur Raymond Tabone u jsostnu li huma ma kienux obbligati jgibu prova tat-titolu taghhom fuq l-art *de quo* peress li din hija azzjoni ta` manutenzjoni bazata fuq il-pusess. Hu l-attur li huwa obbligat igib il-prova li tissodisfa l-elementi rikjesti mil-ligi ghall-ezercizzju b'success ta' din l-azzjoni stante li l-oneru tal-prova jibqa' fuq min jallega. Hawnhekk tali prova hija nieqsa.

Izidu jghidu li ghalkemm il-Qorti ta' l-ewwel grad ghamlet esposizzjoni cara tal-fatti, l-attur qed jipprova jikkonfondi l-fatti ghaliex ghalkemm l-art *de quo* tinsab fl-istess inhawi tar-raba li wirtu missierijiethom, m'ghandha x'taqsam xejn ma' din l-art u mill-provi rrizulta li hija dik li fuqha kien hemm in parti mibnija ghorfa, llum mgarrfa, li kienet ta' nies maghrufa bhala "tal-Bambinu", kif konfermat minn bosta xhieda midhla taz-zona. Missierhom kien akkwista l-art qabel ma zzewweg fl-1949 tant li meta ggarraf il-hajt kien mar jinbarra l-entrata, kif ikkonferma x-xhud Anthony Mifsud. Anke Felic Portelli li kellu raba vicin din l-art ikkonferma tali akkwist u qal li sakemm kien ghadu jidhol fir-raba tieghu jiftakar l-art *de quo* fil-pussess ta' Mikiel Tabone, missier il-konvenuti u ma jiftakarx lil Maria Tabone hemmhekk. L-uniku xhud estraneju prodott mill-attur, Anthony Mifsud, ukoll cahad li Maria Tabone kienet thallas cens fuq l-art *de quo* u zied li c-cens kien jithallas minnha u minn ohtha fuq ir-residenza taghhom fi Triq il-Bicciera. Jikkontendu li "s-site plans" annessi mac-cedoli

ta' depozitu u kontestwali fidi ma humiex pjanti tas-sit u jinkludu proprjeta`li Lawrence Tabone akkwista b'kuntratt tal-1991, liema art tikkonfina ma' l-art *de quo* min-nofsinhar ghax-xlokk. F'kelma wahda, l-attur qed jipprova jestendi l-kejl ta' 75 metri kwadri tal-maqjel u l-erba kejliet akkwistati minn Maria Tabone fl-1965 ghal kejl ferm ikbar ta' 561 metri kwadru, kif jidher immarkat minnu f'Dok N1.

12.4 Dwar dan l-aggrajvu, jinghad mill-ewwel li hija prassi ormai stabbilita li l-Qorti ta' l-Appell, bhala regola, ma tiddisturbax l-apprezzament u l-evalwazzjoni tal-Prim Awla li tkun qeghdha fl-ahjar posizzjoni li tisma`, tikkontrolla u tevalwa l-provi u x-xhieda prodotti u mismugha quddiemha sakemm l-appellant (ghax fuqu tinkombi l-prova), ma jissodisfahiex illi hemm ragunijiet validi bizzejjed biex jitfghu dubju ragonevoli fuq il-gustizzja ta' l-apprezzament tal-provi li ghamlet dik il-Qorti u li konsegwentement jekk ma tintervjenix biex tvarja l-konkluzjonijiet minnha raggunti tkun ser tigi kommessa ingustizzja manifesta[6] . Dan il-principju hu izjed importanti fil-kaz odjern fejn il-Qorti ta' Prim Istanza kienet anke accediet fuq il-post fis-17 ta' Ottubru 2003, ossija l-ahhar seduta qabel inghatat is-sentenza fil-kaz u semghet lix-xhud Anthony Portelli, lill-partijiet u d-difensuri taghhom[7].

12.5 In tema legali jigi spjegat illi –

i) Fil-kamp civili l-gudikant ghandu jiddeciedi fuq il-provi prodotti meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. Dak li hu necessarju hu jekk l-ispjegazzjoni hix verosimili[8]

ii) Fejn l-assjem tal-provi hu tali li l-verzjonijiet tal-kontendenti huma bilancjati li kull wahda tista` tirrizulta plawsibbli u veritjiera u ma tirrizultax dik ic-cirkostanza

[6] P. Formosa v. A. Debono – Appell Superjuri – 5 ta' Ottubru 2001; L. Seguna et v. F. Mallia et – Appell Superjuri 27 ta' April 2001
[7] fol 256-257
[8] E. Zammit v. E Petrococchino – Appell Superjuri – 25 ta' Frar 1952

determinanti li tissodisfa l-konvinciment tal-Qorti favur tezi u mhux ohra, ma jibqax lecitu ghall-gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq il-preponderanza ta' probabilitajiet. Jehtieglu jasal biss ghall-konkluzjoni li l-attur ma jkunx sodisfacentement u konkludentement ipprova t-talbiet tieghu[9].

iii) Fil-kaz ta' kuntrast bejn zewg verzjonijiet mhux kwalunkwe tip ta' kunflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista` tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha tibqa` fuq ir-regola ta' *in dubio pro reo.*

iv) Huwa principju assodat fil-gurisprudenza taghna illi l-verosimiljanza hija forma ta' korroborazzjoni[10].

v) Min jallega ghandu l-oneru li jipprova a sodisfazzjon tal-Qorti dak allegat minnu. Izda l-principju ta' l-oneru tal-provi ma jfissirx li d-dimostrazzjoni tal-fatti kostituttivi tad-dritt pretiz trid tigi rikavata esklussivament minn offerti ta' min hu gravat b'dan l-oneru. Dan ghaliex dejjem jistghu jigu utillizati elementi probatorji ohrajn akkwiziti fil-process, in kwantu fl-ordinament guridiku taghna jvigi l-principju li r-rizultanzi istruttorji jistghu jigu ottenuti bi kwalsiasi mod, anke indipendentement mill-inizjattiva tal-parti, basta jikkonkorru flimkien u indistintament ghall-konvinciment tal-gudikant. Fil-verita` xejn ma hu eskluz, lanqas l-uzu ta' prova fornita minn parti li kapaci tforni elementi favorevoli lill-kontro-parti. Konformement ma' dan il-kuncett hemm dak li l-piz probatorju tal-konvenut in sostenn ta' l-eccezzjonijiet tieghu tinsorgi fih una volta l-attur min-naha tieghu ikun gab prova tal-fatti li jsostnu l-bazi tat-talba tieghu. Dan ghaliex l-insufficjenza jew in-nuqqas tal-prova tac-cirkostanzi dedotti mill-konvenut biex jikkumbatti l-pretensjoni attrici, ma tiddispensax lill-attur mill-oneru li adegwatament jiddimostra l-legittimita` u l-fondatezza tal-meritu tal-pretensjoni tieghu[11].

---

[9] J.V. Rausi v. J. Muscat – Prim Awla – deciza 5 ta' Ottubru 1992
[10] G. Bugeja v. J. Meilak - PA – deciza 30 ta' Ottubru 2003
[11] M. Mifsud v. C. Mifsud – Appell (Sede Inferjuri) – 12 ta' Novembru 2003

12.6 Fil-kaz ta' l-*actio manutentionis*, li hija l-azzjoni possessorja per eccellenza, din hija mahsuba biex timmantjeni lill-possessur fil-pussess materjali ta' l-oggett li jkollu f'idejh u ghaldaqstant huwa qabel xejn essenzjali li l-attur jipprova b'mod definittiv l-element tal-pussess ta' liema xorta jkun. Tali pussess ghandu jfisser bhala minimu d-detenzjoni ta' haga *animo domini*. Dwar dan gie ritenut illi –

" Huwa sufficjenti pussess ta' kwalunkwe xorta jkun purche` ma jirrizultax li gie uzurpat mill-konvenut bi vjolenza jew bil-mohbi jew li gie minnu prekarjament ottenut u dan in forza tal-principju *in judicio manutentionis nudum factum possessionis attenditur* u dan il-fatt tal-pussess ghandu jigi difiz *ad instar juris*.[12] "

Huwa mmaterjali jekk dan il-pussess ikunx legittimu jew le, in buona fede jew in mala fede u jekk ikollux bhala oggett id-detenzjoni tal-haga korporali jew it-tgawdija ta' xi jedd. L-azzjoni, minghajr dan il-pussess, li hu l-qofol u l-bazi taghha ma hijiex ezercitabbli[13]. Finalment, kif sewwa kkummentat l-ewwel Qorti, anke jekk il-pussess turbat mill-konvenut ikun komuni ma' l-attur dak il-pussess huwa xorta wiehed manutenibbli ghaliex din l-azzjoni hija koncessa anki lill-komproprjetarji jew kompossessuri tal-haga komuni[14].

12.7 Minn applikazzjoni ta' dawn il-principji jinghad li kien obbligu ta' l-attur li jipprova l-pussess tieghu, u mhux il-jedd ta' proprjeta` tieghu fuq l-art *de quo* – ghakemm dan pproduca bosta dokumenti fl-attentat tieghu li jipprova li l-art in kwistjoni tappartjeni lilu biss. Inoltre, id-decizjoni ta' din il-Qorti dwar il-lanjanza tieghu mhix se taffettwah fid-drittijiet tieghu li jezercita l-azzjoni odjerna, stante li, kif korrettement qalet il-Qorti ta' Prim Istanza, ghalkemm rrizulta li l-pussess kien komuni bejn il-partijiet, xorta hemm dritt li wiehed jezercita l-azzjoni ta' manutenzjoni fil-pussess. Jigi rilevat ukoll li huma ghal kollox superfluwi s-

[12] S. Testaferrata Moroni Viani et v Anthony Bajada – Prim Awla – 31 ta' Jannar 1994
[13] Vol XLIII.i.97
[14] Grace Agius pro et noe v. Angiolina Cutajar – Appell Superjuri – 13 ta' Dicembru 1959; C. Pace v. G. Bugeja – Prim Awla – 1 ta' Ottubru 1935

sottomissjonijiet dwar d-drittijiet ta' proprjeta` vantati reciprokament mill-partijiet. Gew ukoll esebiti inutilment diversi dokumenti biex naha u ohra, tittenta tipprova t-titolu taghha fuq din l-art, provi li jispettaw esklussivament ghall-azzjoni petitorja, stante li f'azzjoni tax-xorta odjerna l-unika konsiderazzjoini tal-Qorti ghandha tkun esklussivament attirata lejn l-element tal-pussess li jkun qed jigi ezercitat.

Jigi rilevat mill-ewwel li l-attur ma hux korrett fis-sottomissjoni tieghu li l-Qorti ta' l-ewwel grad ibbazat id-decizjoni taghha fuq il-premessa zbaljata li l-art *de quo* hija b'xi mod marbuta ma' l-assi ereditarji tan-nanniet tal-partijiet kontendenti. Minn qari tas-sentenza appellata, jirrizulta li tali allegazzjoni ta' l-atturi hija bla bazi. Dik il-Qorti, anzi, kienet cara hafna fl-esposizzjoni taghha tal-fatti. Il-Qorti semplicement ikkonstatat dak li huwa fatt mhux kontestat jigifieri li l-partijiet kontendenti huma kugini u l-genituri taghhom wirtu proprjeta` f'dawk l-inhawi. Il-Qorti qatt ma qalet li l-art *de quo* kienet parti mill-assi tan-nanniet tal-konvenuti. Jirrizulta wkoll minn qari tat-traskrizzjonijiet tax-xhieda prodotti fil-Prim Istanza li ma kienx hemm inkwiet bejn l-ahwa Tabone u li dawn kienu jghinu lil xulxin f'dak li kien ikun hemm bzonn isir. Kienet korretta ghalhekk dik il-Qorti meta qalet li dawn ma kienux ifittxu ma` xulxin u li kollha kienu jidhlu fil-proprjeta` *de quo*.

12.8 Minn ezami tad-diversi disposizzjonijiet tal-kontendenti rrizulta li l-attur Raymond Tabone jsostni li din l-art kienet proprjeta` taz-zija Maria Tabone, li skond l-attur kienet akkwistawha minghand Carmela Bartolo[15] f'liema kuntratt izda l-kejl mhux korrett. Jixhed li z-zijiet tieghu kienu johorgu n-naghag li kienu jzommu fil-maqjel jerghu u li kellhom bieba taghti ghal fuq din l-art. Jishaq li sakemm damu hajjin iz-zijiet tieghu, ossija sat-8 ta' Mejju 1997 meta mietet Maria Tabone, hadd ma kien jidhol fil-mandra minghajr il-permess taghhom u hadd qatt ma vvanta ebda pretensjoni fuq din l-art[16]. Tant Maria Tabone kienet tqis l-art taghha li inkludietha fil-pjanta

[15] Dok A fol 6.
[16] seduta 11 ta' Gunju 1998

annessa mac-cedoli ta' depozitu u kontestwali fidi ta' cens. Inoltre jishaq li mhux veru li Maria kienet tidhol fl-ghalqa bil-permess ta' huha Mikiel u ghalkemm meta mietet Carmela, kienu nbieghu n-naghag, Maria kienet tghidlu li kienet se tmur fl-art fejn qabel kellha n-naghag. Anzi jzid illi Mikiel, missier il-konvenuti, mhux l-ewwel darba li kien jitlob il-permess ta' Maria jew ohtha biex jidhol fl-art *de quo* u jghidilhom "ha mmur niehu l-hmara" jew "se mmur innaddaf il-hmieg." Finalment, jichad li l-konvenuti dahlu fl-art u jzid li wara l-mewt ta' zitu kien imur xi darba fix-xahar f'dawn l-inhawi u qatt ma ra lill-konvenut jew lill-familja tieghu.

12.9 Ix-xiehda li ta l-konvenut Lawrence Tabone hija fis-sens oppost. Il-konvenut dejjem sostna li l-art kienet giet akkwistata minn missieru bosta snin qabel minghand nies bil-laqam "Tal-Bambinu" u xehed li hu u hutu dejjem jafu din l-art f'idejn missierhom. Zied jghid ukoll li missieru kien jikkoltiva l-parti tax-xlokk ghax il-parti l-ohra kienet kolha gebel, izda wara certu zmien waqaf jahdimha ghax kien hemm xi bir li ntradam b'parti mid-dar Tan-Naq[17]. Sussegwentement huwa kien ta l-permess lill-ohtu titfa' xi ftit demel hemmhekk. Xehed ukoll li ghalkemm hu kien jaghmel hin twil fl-art *de quo* ma jafx li Maria u Carmela Tabone kienu jirghu n-naghag f'din l-art. Izid li missieru kien jahdem ir-raba tieghu u anke ta' hutu l-bniet. Imbaghad, wara li miet missieru, hu baqa' jidhol fl-art *de quo* ghaliex ghandu raba li tikkonfina maghha. Jinsisti li l-attur qatt ma dahal fl-art *de quo* u kien biss wara l-mewt ta' zijithom Maria Tabone, li taghha l-attur hu werriet universali, li l-attur beda jippretendi li hu sid l-art in kwistjoni[18].

13. Stante dawn il-verzjonijiet kontrastanti u konfliggenti tal-partijiet dwar min kien fil-pussess ta' l-art u lil min kienet tappartjeni, ix-xhieda tat-terzi prodotti biex jixhdu dwar min kien fil-pussess hija ferm importanti. Din ix-xhieda izda ma twassalx ghall-konkluzzjoni li l-attur, u l-awturi tieghu qablu, kellhom il-pussess esklussiv ta' l-art in kwistjoni, kif allegat mill-attur.

---

[17] Seduta 18 ta' Frar 2000)

[18] Affidavit Dok MS1

13.1 Felic Portelli, anzjan midhla ta' l-inhawi jixhed li jiftakarhom jghidu li din l-art kienet giet akkwistata minn certu Mikiel maghruf bhala "Tas-Sangilott" li jigi missier il-konvenuti u jghid li hu l-ahhar li jaf ir-raba kien f'idejn Mikiel Tabone[19], u li dan Mikiel Tabone kien akkwista l-art bosta snin wara li waqghet l-ghorfa ta' Salvu n-Naq. Izda jghid ukoll li ma jafx kif kien xtara dan Mikiel Tabone. Izid li lil Maria Tabone ma jafhiex fir-raba, izda jghid li ilu ma jiffrekwenta l-inhawi bejn ghaxra jew hmistax-il sena. Imbaghad fl-istess nifs jghid li hu ma jafx min hi Maria Tabone.

13.2 Anthony Mifsud jixhed li Maria Tabone kienet thallas cens fuq il-kamra, izda mhux fuq l-art *de quo* u jghid li hadd ma kien ihallas cens fuq din l-art wara l-mewt ta' Wenzu Falzon. Imbaghad fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2003 qal li Maria Tabone kienet thallas ukoll cens fuq dik il-parti ta' l-art *de quo* fejn kien jintefa' d-demel. Dan ix-xhud jispjega li fl-art in kontestazzjoni, ossija dik li kienet 'Tal-Bambinu', kien jara lill-ahwa Tabone kollha – kien jara lil Maria u Carmela u lill-missierijiet il-partijiet jghinuhom. Maria u Carmela kien jrabbu n-nghag fil-maqjel u kienu jirghu n-nghag fl-art 'Tal-Bambinu' ghax kienu bicca wahda. Zied jixhed li kien jaf li kien hemm hmara u li kien jara biha kemm lill-missier l-attur u anke lill-missier il-konvenuti. Fil-parti fejn ma kienx jintefa demel Maria Tabone, u qabilha missierha u ommha, kienu jirghu n-naghag. Mhux Maria biss kienet tidhol fiha izda l-ahwa kollha f'xi hin jew iehor kienu jidhlu jghinuhom, u anke l-genituri taghhom.

13.3 Cetta Mizzi, li kellha proprjeta` fl-inhawi, xehdet li l-kamra tal-familja taghha kienet tmiss mal-kamra tal-hmara li kellhom ta' Tabone. Tixhed li hi ma taf lil hadd fl-art tal-Bambinu – dak kien borg gebel. Tispjega li ghalkemm tiftakar lill Karmni ddahhal u tohrog il-bhejjem f' 'Tal-Bambinu' ma kenitx tara naghag. Tghid li z-zewg subien, ahwa Tabone, kienu jkunu hemmhekk ghaliex hemm kien hemm id-dar fejn trabbew u lil Mikiel Tabone tiftakru jidhol

[19] fol 75

ghall-hmara, li timmagina kienet ta' l-ahwa. Joseph Grima, il-kugin tal-partijiet ukoll xehed li l-hmara kien jiehu hsiebha Mikiel Tabone, izda gieli ha hsiebha anke missier l-attur.

13.4 Jirrizulta ghalhekk li l-attur ma rnexxielux jipprova fil-grad rikjest mil-ligi li hu kellu xi pussess esklussiv u li hija hafna aktar verosimili l-verzjoni abbraccjata mill-Qorti ta' l-ewwel grad. Ghalhekk dan l-aggravju hu infondat. Konsegwentement din il-Qorti sejra tastjeni milli titratta t-talba attrici biex tintlaqa' t-tieni talba ta' l-attur.

14. Tibqa' ghalhekk il-lanjanza dwar l-ispejjez sollevata fiz-zewg appelli. Fid-decizjoni appellata l-Qorti ta' Prim Istanza ddecidiet illi l-ispejjez "fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejn l-attur min-naha u l-konvenuti ahwa Tabone minn naha l-ohra."

B'mod generali, il-mod kif jithallsu l-ispejjez gudizzjarji huwa regolat bl-Artikoli 223 sa 225 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dana li normalment kull sentenza definittiva ghandha tikkundanna lill-parti telliefa ghall-ispejjez. Din il-Qorti sejra taghti l-provvedimenti infraskritti dwar il-kap ta' l-ispejjez fid-dawl tal-konkluzzjonijiet taghha fuq imsemmija, u cioe`,

(A) kwantu ghall-appell principali tal-konvenuti:

i) tichad l-ewwel aggravju tal-konvenuti fl-appell taghhom u tiddikjara li l-Qorti ta' l-ewwel grad ma marritx oltre dak mitlub lilha fic-citazzjoni;

ii) tilqa` pero` t-tieni aggravju ta' l-appellanti u tiddikjara li l-ewwel Qorti ma setghetx tordna lir-Registratur ta' L-Artijiet jiddezisti milli jirregistra l-art *de quo* f'isem il-konvenuti;

(B) dwar l-appell incidentali:

i) tichad l-aggravju fejn l-attur talab dikjarazzjoni li hu kellu l-pussess esklussiv ta' l-art *de quo* u ma kienx hemm pussess komuni bejn il-partijiet.

15. Ghal dawn il-motivi, tiddisponi mill-appell incidentali ta’ l-attur billi tichdu, u kwantu ghall-appell principali tal-konvenuti, tilqghu in parte u fis-sens premess, u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi:
(1) tirrevokaha in kwantu laqghet it-tielet talba u fejn ordnat lill-konvenut Registratur ta’ l-Artijiet sabiex jiddesisti milli jirregistra f’isem il-konvenuti l-ohra jew xi hadd minnhom l-istess bicca art, u minflok tichad din it-talba; u

(2) ghall-kumplament tikkonferma s-sentenza appellata fil-meritu.

Kwantu ghall-kap ta’ l-ispejjez, tordna l-ispejjez ta’ l-ewwel istanza jithallsu kwantu ghal zewg terzi (2/3) mill-attur u kwantu ghar-rimanenti terz (1/3) mill-konvenuti;

Kwantu ghall-ispejjez ta’ din it-tieni stanza, tordna li dawk konnessi ma’ l-appell incidentali jibqghu kollha a karigu ta’ l-attur, waqt li dawk konnessi ma’ l-appell principali, ghandhom jithallsu bin-nofs bejn iz-zewg kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------